Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Numru. 241/2012

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**CAROL PERALTA LL.D.**

Illum 15 ta' Gunju, 2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**

**VS**

**OGLIVE GRIMA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Oglive Grima detentur tal-karta tal-identita` numru 207891M.

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer, nhar l-20 ta` Dicembru 2011 fi Triq ix-Xatt il-Birgu ghall-habta ta` xi tmienja ta` filghaxija, ikkommetta serq ta` oggetti u cioe` ghodda liema serq, li sar ghad-deteriment tal-Kumpanija Farstone Construction & Restoration Ltd., u/jew persuni ohra, kif ukoll huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Ewro 232.94 imma mhux aktar minn Ewro 2329.37 u bil-hin u bil-mezz.

Akkuzat ukoll talli sar ricediv b’sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati mghotija lilu fit-23 ta` April 2008 mill-Magistrat Dr. Edwina Grima, LL.D u fit-13 ta` Settembru 2009 mghotija mill-Magistrat Dr. Edwina Grima, LL.D.

Rat id-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet;

Rat is-sentenza ezebita;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 263, 267, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi l-ammissjoni volontarja u kkondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-prosekuzzjoni ma thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti ghaldaqstant tikkundanna lill-imputat ghall-tlett (3) xhur prigunerija ai terminu tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta bil-patt u kundizzjoni li dawn jigu servuti billi l-imputat jaghmel xoghol li jigu assenjati lilu fil-komunita`.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

Il-partijiet ma talbux sospensjoni ta` din is-sentenza.

DR. CAROL PERALTA, MA (Human Rights and Democ.), LL.D.
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------